Fontana

Minuti tal-wiehed u ghoxrin (21) laqgha tal-Kunsill Lokali Fontana, li saret nhar it-Tnejn 31 ta' Awwissu fil-5.30p.m. ta' wara nofs in-nhar, fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Prezenti | Membri |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Vici-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| Skuzat: | Is-Sur Victor Cefai |
| L-Agent Segretarju Ezekuttiv: | Is-Sinjorina Josephine Borg |

Il-Laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg
L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet it-talba.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv resqet u qrat korrispondenza mid-Dipartiment Gvern Lokali rigward il-laqghat tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu fil-hin tad-9.30.am. u fil-hin tas-1.00p.m., fejn dawn il-laqghat gew iddikjarati nulli. L-Agent Segretarju Ezekuttiv talbet lis-Sindku biex jaghmel "statement" fir-rigward ta' din il-korrispondenza. Is-Sindku ghamel "statement" bil-fomm li l-laqghat huma nulli skond kif hemm fil-korrispondenza u gew ipprezentati l-minuti ta' dawn il-laqghat.  Peress li fil-laqgha tat-3 ta' Marzu hin tas-1.00p.m. nqraw il-minuti tal-laqghat tad-9 ta' Frar,  tal-11ta' Frar u tat-12 ta' Frar, l-minuti ta' dawn il-laqghat regghu inqraw f'din is-seduta u gew approvati. Laqgha tat-3 ta' Marzu hin tad-9.30a.m. ma saritx ghax ma kienx hemm quorum. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ghaddiet biex taqra l-minuti tat-3 ta' Marzu hin tas-1.00p.m.  Il-Kunsillier Hoarce Micallef qajjem oggezzjoni u staqsa jekk id-Dipartiment Gven Lokali qal li l-laqghat tat-3 ta' Marzu tad-9.30. u tas-1.00p.m. huma nulli kif fl-istess hin ha nergghu nressqu l-istess minuti ta' l-istess laqgha. Jekk il-laqgha nulla qisha qatt ma saret. Is-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap kemm il-darba nsistew li jsir kif talab id-

Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

Dipartiment. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li hi fehmet li l-kelmiet li hemm fil-korrispondenza "ghandu jerga jsir kollox mill-gdid".......''u ghandhom jergghu jigu approvati f'seduta ohra" u hekk ukoll qalulha mid-Dipartiment li ghandu jerga jsir kollox mill-gdid, ifissru li ghandhom jergghu jinqraw il-minuti, u min ghandu xi oggezzjoni tista' tigi mressqa fis-seduta tal-lum tal-31 ta' Awwissu 2009. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li ser taqrahom dawn il-minuti, u li ser tikteb lid-Dipartiment Gvern Lokali fuq dan il-punt u titlob aktar gwida. L-ilment gie mibghut ukoll f'isem il-Kunsillier Horace Micallef. Il-minuti nqraw u gew approvati mis Sindku Saviour Borg, Anthony Borg, u Lorry Apap. Is-Sindku Saviour Borg, rrimarka li l-Kunsillier Horace Micallef qed jghid li ma kienx nfurmat, imma fil-minuti hemm li kien skuzat. Il-Kunsillier Hoarce Micallef ressaq e-mail li ntbghatet fejn tghid li ma jistax jattendi minhabba impenji tax-xoghol.

## Korrezzjoni laqgha tad-29 ta' Lulju 2009

Il-Kunsill ghadda biex japprova l-minuti tal-laqgha tad-29 ta' Lulju 2009. Is-Sindku irrimarka li hemm hafna zbalji ta' l-ortografija u tal-pinna u li dawn iridu jigu irrangati u jkunu aktar prezentabbli. Is-Sindku qal ukoll li dawn il-minuti saru b'urgenza ghax riduhom mid-Dipartiment Gvern Lokali. L-Agent Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawk huma affarijiet zghar u jistghu jigu rrangati facilment. Is-Sindku amenda f'pagna 6 para 6 "......Raymond Muscat b'effett mill-1 ta' Awwissu 2009" trid tigi b'effett mis-17 ta' Awwissu 2009. Is-Sindku amenda f'pagna 7 para 4 wara l-kelma "ghax...." iridu jidhlu l-kelmiet "is-Sindku tal-Munxar qal li..." Is-Sindku irrimarka li jrid jitnizzel fil-minuti tal-laqgha tad-29 ta' Lulju 2009, li "l-Kunsill qabel li tintbghat ittra lil Joscar Camilleri tal-Public Convenience biex igedded il-garanzija bankarja peress li ilha li ghalqet mill-bidu ta' Gunju. Dan minkejja li ngibditlu kemm il-darba l-attenzjoni bil-fomm".

L-Agent Segretarju Ezekuttiv amendat il-kont ta' Chris Gauci li minn €1068 irid jigi €1061.37.

Il-Kunsillier Horace Micallef ghamel amenda f'pagna 1 para.5; wara l-kelmiet Josianne Cassar......ghandhom jinkitbu ....l-Kunsillier Horace Micallef qal li baghat e-mail (annessa) lil Kunsill li ma setax jattendi biex ikun skuzat". Fl-istess paragrafu wara l-kelmiet "......ma gbidtx l-attenzjoni" ghandhom jidhlu l-kelmiet ".......il-Kunsillier Horace Micallef qal lis-Sindku li ma kienx jaf li ser isiru dawn il-laqghat ta' wara. Is-Sindku nformah li kienet responsabilita' tas-Segretarju Ezekuttiv li jinfurmah".

Korrezzjonijiet aktar ma kienx hemm u il-minuti tal-laqghat tad-29 ta' Lulju gew approvati.

## Korrispondenza

Memo 46/2009: Ftuh tal-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt.
Memo 47/2009: Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.
Memo 48/2009: Fondi Specjali.
Memo 49/2009: Infieq tal-Kunsilli Lokali fis-sena 2008/2009

<u>Circulars:</u>
MSOC/HR/06/2009: Filling of Vacant Positioin of Assistant Director within the Ministry of Social Policy. Assistant director (Administration)- office of the Permanent Secretary (Social Policy), Ministry for Social Policy.
MSOC/HR Circular No.07/2009: Filling of Vacant Position of Assistant Director (Enforcemnt) in the Department of Industrial and Employment Relations.
MPO/7/09 OPM Circular No.10/2009: Filling of Headship Positions.
MPO/7/2009 OPM Circular No.11/2009: Filling of Headship Positions.
MPO 174/2009: Position of Orthopaedics Nurse (theatre) in the ministry of Social Policy (health)
MPO 145/2009: Position of Urolgy Nurse (theatre) in the ministry for Social Policy (Health)

Tresqet korrispondenza ohra; Kuncert mill-Kunsill Lokali Rabat, fit 22/08/09 u 25/08/09; Costume Jewellery Making Course, minn Amy Bajada; Library Books (Voucher) minn 'Wise Owl'; Appell ghal aktar Responsabbilta' u Trasparenza, mill-Kummisjoni Interdjocesana Ambjent, mill-Kurja ta' L-Isqof; Minn Crimemalta , the 2nd Malta Criminology Conference bejn 15 u 16 ta' Ottubru 2009; German – Maltese Circle ghall Language Courses; mill-Lidle Malta Ltd ghal progett mal Kunsill Lokali, meta jorganizza xi gurnata f'Malta ghar-residenti; New Cultural proposals for Local Councils minn Casapinta; Courses at the Malta Society of Arts, Manufactures and Commerce. Korrispondenza mid-D.L.G. dwar kemm Kunsilliera nisa kien hemm mill-bidu tal-Kunsilli Lokali sa issa.

Is-Sindku ipprezenta kopji tal- korrispondenza bejn is- Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni u d-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar id-devoluzzjoni tal-

fondi Nru 189/190 u 191 Triq il-Ghajn, Fontana, u acknowledgement tal-ittra dwar il-fond 191 Triq il-Ghajn minghand is-Segretarjat Parlamentari tal-Artijiet u Erarji Pubblici.

Korrispondenza ohra: Premju Anzjan tas sena 2009 minn Pace Gordon at MSOC – MECC, il-Kunsill ma kellux nominazzjonijiet; Permess sabiex jippublika l-arma tal-Fontana fuq ktieb ta' l-imtiehen minn Clifford Vella, il-Kunsill tah permess; Kopja ta' korrispondenza minghand ir-residenti tal-'Fontanella Gardens' mibghuta lil-Kumissarju tal-Pulizija; Korrispondenza mil-AKL ghal materjal fuq il-lokalita bhala taghrif lil-MTA, il-Kunsill qabel u l-materjal gie mibghut; dwar il-gbir ta' l-Iskart li ma hemm ebda tibdil ghar-rimi ta' l-iskart qabel ma jkun hemm qbil mal-AKL dwar l-allokazzjoni ta' fondi ghall-Kunsilli Lokali; minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni ghal European Commission Meeting fil 21/08/2009; Il-Gimgha tal-Bnadar mit 8 sal 15 ta' Settembru mis-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu; Minghand il-Midsea Books, il-Kunsill qabel li jinxtara l-ktieb 'ThePalaces of the Grand Masters in Malta' - 14 Ewro; Ringrazzjament minn Saliba Michael f'isem l-Arka Foundation ghal kontribut ta €100 li ta l-Kunsill; Minn Doreen Attard, korrispondenza fuq il-participazzjoni tal-mara fil-Kunsill Lokali tal-Fontana, fejn giet mgharrfa li ma hemmx nisa f'Kumitati; L-ETC offriet li taghti korsijiet ta' taghlim baziku; Korrispondenza mis-Segretarjat Parlamentari rigward quizzes ghal pubbliku generali; Korrispondenza mill-MEPA ghal alterazzjonijiet 02954/09 u applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp 03450/09. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

Korrispondenza mill-ADT rigward ir-Round-Topped Road Hump" fi Triq Ghajn Tuta. L-ADT. Ma sabet l-ebda oggezzjoni.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv resqet korrispondenza li baghtet lil WasteServ, wara li ngibdet l-attenzjoni mis-Sindku, ghax il-kuntrattur qed ihalli hafna zjut wara li jbattal l-bins ta' l-iskart separat, u l-Communications Officer tal-WasteServ wiegeb li ser jiehu l-passi mehtiega.

Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kultura f'Ghawdex dwar l-"Online Gozo Cultural Directory"; u mill-Malta Maritime Authority, fejn tat il-permess ghal "Funday" fix-Xlendi.

## Fondi Specjali:

Fir-rigward ta' Memo 48/2009 applikazzjoni ghal Fondi Specjali, is-Sindku qal li kellem lil perit Saliba biex jaghmel stima ghar-restawr tal-Ghajn ta' Bendu taht din l-Iskema.. Qal ukoll li l-progett tal-photovoltaic, ghall-ewwel fazi tac-Centru Civiku, jista' jitnizzel

taht din l-iskema. Hu qal li jaqbel li napplikaw ghal dan il-progett ghax il-fondi ghal dan il-progett tal-Photovoltaic telghew ghal €9,800, mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku staqsa lil-Kunsilliera biex jara jaqblux li l-Kunsill jaghmel Triq il-Qalb ta'Gesu bil-fanali dekorattivi "energy saving" u "environmental friendly", bhal ta Triq il-Ghajn. Il-Kunsill qabel, ghalhekk ghandu jsir il-preparament mehtiega mill-Engineers "Galea & Curmi", dwar dawn iz-zewg progetti.

Is-Sindku qara' l-ittra ta' l-applikazzjoni ghal-iskema tal-lokalitajiet bi bzonnijiet specjali. Is-Sindku qal skond l-applikazzjoni x'kienet it-talba tal-Kunsill ghal-Lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali; Commercial Area fi Triq il-Ghajn; Diskrepanza kbira fid-dhul li jaghti l-Gvern Centrali u l-hrug li jhallas il-Kunsill ghal dawn l-ahhar hames snin, fil-gbir ta' l-iskart domestiku; Manutenzjoni tas-sistema gdida tal-dawl fi Triq il-Ghajn; Traffiku; Progett Pjazza l-Ghejjun u Efficjenza fl-Ufficcju. B'kollox il-Kunsill qed jitlob €50,000.

## Mozzjonijiet

Mozzjoni Nru.31 imressqa mis-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap: Il-Kunsill ghandu jaghmel il-kontatti mehtiega mal-awtorita responssabbli biex isir studju xjentifiku tal-arja fil-Fontana, specjalment fit-toroq li minnhom jghaddi hafna traffiku.

Dan ghar-raguni li f'dawn it-toroq l-arja qed tkun mniggza b'detriment ghas-sahha tar-residenti. Barra minn hekk fir-residenzi jinnota hafna nugrufun iswed, kif ukoll id-deterjorament f'dan l-ahhar snin li qed ikun hemm fil-gebla ta' diversi bini qadim u ta' valur storiku fosthom l-Ghajn il-Kbira u l-Ghajn ta' Bendu kif ukoll il-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill qabel li niktbu lil MEPA, biex tiehu l-passi mehtiega u jsir studju xjentifiku, u jintalab r-rizultat tal-istudju li sar snin ilu. Il-Vici Sindku, Tony Borg, qal li diga jezistu tip ta' apparat got-triq biex jimmarka it-tip ta' arja li hawn fir-rahal.

## Ilmenti/Suggerimenti:

L-Agent Segretarju Ezekuttiv ressqet ilment minn Grace Cardona rigward il-hmieg tal-klieb u l-ilma li jintefa fi Triq l-Isptar San Giljan u li hu ta' periklu. Il-Kunsill qabel li jibghat dan l-ilment lil tas-Sanita.

Ilment minn Carmen Cutajar, bil-fomm fl-Ufficcju, dwar i-drenagg, ta' residenza privata hiereg fi Triq il-Ghajn. L-Agent Seg. Ezekkutiv resqet it-twegiba ta' l-Ing. Vella . Il-Kunsill qabel li jerga jibghat dan l-ilment lil Eng. Josephine Vella

Il-Vici-Sindku Tony Borg qal li hdejn il-bins li hemm fi Triq Alessandro Franchi qed ikollhom hafna refuse madwarhom u talab li jinqalghu. Is-Sindku wiegeb li huwa dmir tar-Refuse Collector (ta' l-iscammel) li jbattal il-bins u kemm il-darba nfurmah biex jbattalhom. Qed jigri li jqeghdu l-boroz fihom mimlijin bl-iskart wara li jghaddi l-iscammel l-aktar f'tal-kantuniera bejn Triq l-Kard. Alessandro Franchi u J.Gaspard le Marchant.. Is-Sindku kif ukoll il-kunsillier Horace Micallef qablu li tintbghat ittra bil-verzjoni Ingliza lil-barranin li jghixu fil-Fontana fuq dan il-punt, dan ghar-raguni li qed jpoggi l-iskart domestiku fil-"bins" u madwarhom, kif ukoll qabel il-hin stipulat.

Il-Vici Sindku Anthony Borg, issugerixxa biex il-Funday li saret fix-Xlendi flimkien mal-Kunsill tal-Munxar, tidhol fil-Kalendarju Kulturali, u sena ohra jigu mistiedna biex jidhlu wkoll il-Kunsill Lokali ta Sannat u ta' Kercem.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal jekk il-Kunsill jaqbilx li terga ssir il-wirja dwar il-festa u l-kult tal-Qalb ta' Gesu ghal sena ohra. Il-Kunsill qabel li terga issir il-wirja.

## Approvazzjoni ta' kontijiet

Il-Kontijiet ta' hawn taht gew approvati.

| **PERIOD** | **Month** | August |
|---|---|---|
| From 01/08/2009 to 31/08/2009 | **Year** | 2009 |

| Ref No | Description | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|
| | FSS & NI jan 09 (mr emmanuel terribile) | 294.32 | |
| | FSS & NI feb 09 (mr emmanuel terribile) | 488.64 | |
| | FSS & NI march 09 (mr emmanuel terribile) | 244.32 | |
| | Joscar Camilleri (Public Conv.July 09) | 158.34 | |
| | FSS and N.I. For July 2009 | 623.64 | |
| | Mayor' s Allowance for July 2009 | 374.98 | |
| | Salary for July 2009 - A/Exec. Sec | 1,430.12 | |
| | OS3 excess of webspace allocation update of website | 163.82 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Cleaner (April to July 2009) | 112.76 | |
| | Dominic Dept. Store (Hire of Jigger & Maint.Materials | 39.95 | |
| | Centru ghall Anzjani | 233.10 | |
| | WasteServ Malta Ltd April 2009 | 287.02 | |
| | Galea Curmi Eng.( Contract fee April 2009 | 15.45 | |
| | Galea Curmi Eng. (Appl. For Energy Saving Sch.) | 125.08 | |
| | GO PLC (Telephone Service of June 2009) | 72.05 | |
| | GO PLC (Fax Service for June 2009) | 19.28 | |
| | Joe Camilleri (Book: Fir-Rokna tas-Silenzju) | 7.00 | |
| | Mario Mallia (Road Mirror) | 78.39 | |
| | Johanna Caruana (Applc for Special Funds) | 20.00 | |
| | Johanna Caruana (Accty Service (Apr/June '09) | 450.00 | |
| | Anthony Mercieca ( Open skip - April 09) | 69.90 | |
| | Ray's Catering (Meals on Wheels - Festa 14/06/09) | 280.00 | |
| | Office Equipment (Cash Box for Office) | 23.50 | |
| | Manuel Mercieca (Hire of tables/cloths for Exhibition) | 106.00 | |
| | George Farrugia & Sons (Maintenance Materials) | 51.35 | |
| | Koptaco Coaches ( harga Malta 08/04/2009) | 181.92 | |
| | MITA (Suppot Services - 22/04/2009) | 37.52 | |
| | EneMalta Corp. (updating of database for 2008) | 233.00 | |
| | A&M Printing Ltd (Brochure June 2009) | 321.63 | |
| | Dr. Carmelo Galea (Police vs M. Zammit) | 59.00 | |
| | **Total** | 6,602.08 | |

## Materji Ohra:

Rigward il-ftuh ta’ l-Ufficcju tal-Kunsill nhar ta’ Sibt l-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li mhix f’pozizzjoni li tidhol xoghol is-Sibt. Il-Kunsill qabel li jitlob gwida mid-Dipartiment Gvern Lokali. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li fil Memo 46/2009 hemm miktub li jridu jinhargu l-applikazzjonijiet ghal-skrivan abbazi part-time, bl-awtorizazzjoni ta’ l-ETC wara li jigi nfurmat id-Dipartiment.

Fontana

Rigward l-iskema lokalitajiet indaf li qed isir bejn Awwissu u Ottubru, is-Sindku wara li ta spjega tal-premjijiet allokati ghal-indafa ghal dan il-ghan 30,000 Ewro l-ewwel premju u tlieta ohra ta' 10,000 Ewro. Huwa qal wkoll li hemm allokati sa massimu ta' €1000 ghal lokalitajiet zghar, ta' inqas minn 2000 ruh, biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta ' din l-inizjattiva. Huwa issugerixxa li minnhom ser jistghu jithallsu l-basktijiet tac-carruta, li l-Kunsill approva li jinxtraw fl-Lulju li ghadda. Huwa ippropona li nibdew naghtu lir-residenti boroz "totally degradable" , biex ir-residenti jigu mhajra jisseparaw iktar skart. Dawn jistghu jithallsu ghal din id-darba minn din l-iskema. Il-Kunsill approva li jinxtraw dawn il-boroz.

Is-Sindku ghadda mbghad biex jispjega l-Green Challenge Award Application li hija rigward xoghlijiet li jsebbhu l-ambjent. Il-Kunsill qed jikkompeti b'dawn ix-xoghlijiet u inizjattivi li saru bejn Settembru 2007 u Settembru 2009. – Il-belvedere ta' Triq ta' Mulejja, l-ewwel fazi tal-passagg bil-gebla tal-qawwi fi Triq Wied Siekel, bini mill-gdid tal-playingfield fuq l-ewwel fazi tac-Centru Civiku b'apparat skond livelli Ewropej, u tqieghed ta' "safety carpets" fil-parti l-ohra tal-playingfield, sistema gdida tad-dawl permezz ta' 19 il-fanal dekorattiv, "energy saving" u "environmental friendly", fi triq il-Kappillan G. Hili. L-istess sar fi Triq il-Ghajn permezz ta' 24 fanal dekorattiv. Tqassim ta' basket tac-carruta lil kull residenza biex jigu ffrankati r-recipjenti tal-plastik.

Saret ukoll l-applikazzjoni lill-MEPA biex jsir il-pavimentar tat-tieni fazi tal-progett ta' xoghol rustiku bil-gebla tal-qawwi fi Triq Wied Siekel. L-istess sar u hareg il-permess mehtieg mill-MEPA u gie mahrug il-permess ghal xoghol ta' tindif u riabilitazzjoni ta' Wied ix-Xledni li hu fil-konfini tal-Fontana. Il-Kunsill qed jahdem ukoll fuq zewg progetti "energy saving" u "environmental friendly". Sistema gdida tad-dawl permezz ta' 13 il-fanal fi Triq l-Isptar San Giljan u sistema "photovoltaic" ghall-ewwel fazi tac-Centru Civiku.

Is-Sindku stqarr li issa li gie iffinalizzat l-kont tax-xoghol li ghamel Nicky Saliba tal-ewwel fazi tal-Centru Civiku, li il-Kunsill iffranka €2799, bhala contract manager's fee ta 5% fuq is-somma ta' kwazi €56,000. Dan peress li hadu hsieb hu u l-Kunsillier Lorry Apap. Is-Sindku, f'isem il-Kunsill irringrazzja lil Kunsillier Lorry Apap ghal kontribut kbir li ta.. Is-Sindku qal ukoll li bi ftiehem ma Nicky Saliba tnaqqas l-ammont ta' €1232 mill-kont li kien kontestat..

Wara li l-Agent Segretarju Ezekuttiv ipprezentat dokument li juri l-kredituri tal-Kunsill, Il-Kunsill qabel li jhallas €2,000 lil Nicky Saliba mill bilanc li baqa u €2,000 mill-invoices, li jidhru bhala kredituri..

Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

L-Agent Seg. Ezekuttiv resqet skond Memo 49/2009 l-infieq tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2008/2009.

Il-Kunsill iddiskuta l-ittra mibghuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar x'wassal ghall-izbilanc fl-F.S.I. ta' -24.94%. L-Izbilanc sar minhabba li ghal perjodu ta' xahrejn il-Kunsill kellu johrog zewg pagi ta' Segretarju Ezekuttiv, kif ukoll jhallas in-National Insurance u l-FSS ta' l-Agent Segretarju Ezekuttiv li jammontaw ghal 3354.62 Ewro u 1027.28 Ewro FSS and N.I.. Il-Kunsill ghal aktar minn darba nforma lid-Dipartiment li ma ghandux mnejn ihallas. €10,000 garanziji bankarji tal-MEPA biex isiru progetti matul din is-sena u s-snin li gejjin; ghal 5 snin diskrepanza li lahaq €29,000 fil-gbir ta' l-iskart bejn dak li jaghti l-Gvern lil Kunsill u l-ammont mhallas lil Kuntrattur. Il-Kunsill qabel li jitlob lid-Dipartiment li l-allokazzjoni ta' 10% bhala bilanc pozittiv tigi mnehhija.

Saret talba mill-"Lands Dept." ghal Pjanti tad-Devoluzzjoni tal-Ghajn il-Kbira, L-Ghajn ta' Bendu, u Xelter, li talab il-Kunsill. Din ntbaghtet mill-Perit Ivana Farrugia.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jikteb lid-Direttur Progetti u Zviluppi fil-Ministeru ta' Ghawdex, biex isir it-tarag li jghaqqad Triq ta' Mulejja mat Trejqet wara l-Idjar. Dan wara li kienet thassret it-triq mill-MEPA bi qbil mal-Kunsill. Il-Kunsillier Lorry Apap astjena minn din id-decizjoni, minhabba interess personali.

Rigward l-ittra lil Joscar Camilleri, l-kuntrattur tal-"public convenience", biex igedded il-garanzija bankarja, L-Agent Seg. Ezekuttiv qalet li din ma ntbghatetx ghax Joscar Camilleri gedded l-garanzija l-ghada tal-laqgha tal-Kunsill li saret f'Lulju.

Gew ipprezentati l-kwotazzjonijiet migbura ghal basktijiet tac-carruta bl-arma tal-kunsill. ClearPrintMalta .90cents + VAT ghal 600; CMC Services 1.10 Ewro inkluz l-VAT ghal 500. Il-Vici Sindku nforma lil Kunsill li Mario Camilleri dahlitlu konsenja bi prezzijiet orhos. Il-Kunsill qabel li jitlob kwotazzjonijiet godda u jimxi ma l-orhos offerta.

Is-Sindku ippropona lil Kunsill biex tigi iffissata data ghal harga ghall-Kemmuna li kienet approvata f'Lulju, li ghaliha il-Kunsillier Horace Micallef nforma lil Kunsill li tal-knisja ghandhom ukoll harga ghal Kemmuna fl-istess granet. Is-Sindku ippropona li din il-harga tigi mhassra ghal Kemmuna. Il-harga tar-residenti ghal Kemmuna giet imhassra, u s-Sindku issugerixxa li ssir harga ghar-residenti ghan-Notte Bianca f'Malta, fit-3 ta' Ottubru. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Horace Micallef fakkar biex jinxtara in-“non slippery tape” ghat-tarag tas-Sala tal-Komunita’.

Rigward it-tibdil fl-isem tal-Lokalita, propost mill-Kunsill tal-Malti, il-Kunsill qabel li jibqa’ l-isem Fontana u jizdied anke Triq tal-Ghajn, fl-emendi li ser jsiru ghall-ligi tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghamel kuruna ghall funeral ta’ Carmen Grima, oht il-Kunsillier Lorry Apap.

Mons. Lawrence Xerri baghat jirringrazzja lil Kunsill talli offra s-Sala tal-Komunita’ u baghat ritratt lil Kunsill

Is-Sindku nforma lil Kunsill li meta kien qed isir ix-xoghol ta’ trinek ghas-“sub-station” tal-EneMalta saret zjara fuq il-post flimkien mal-Engineer Josephine Vella fejn gie diskuss kif ser issir it-tiswija mehtiega. Sar qbil li kif talab il-Kunsill it-tiswija fi Triq is-Sajjieda ssir wiesa ta’ “paver” li hu ta’ aktar minn zewg metri, u kif ukoll fi Triq il-Ghajn minbarra it-trinka, wisa’ ta’ metru, s-Sindku talab li l-Enemalta taghmel diversi “patching” fejn it-triq kienet mnizzla. Dwar triql-Isptar San Giljan gie deciz li ssir it-trinka biss peress li hu xoghol temporanju dan ghar-raguni li fil-parti t’isfel trid issir trinka tad-drenagg, meta tkun maghluqa it-Triq tax-Xlendi biex isir r-rikostruzzjoni taghha. Is-Sindku nforma lil Kunsill li dan ix-xoghol twettaq kollu.

Fl-okkazjoni tan-Notte Gozitana gie miftuh ix-Xelter ta’ Pjazza l-Ghejjun ghall-pubbliku.

Intefghu ukoll l-applikazzjonijiet ghal fondi tal-Unjoni Ewropea skond il-Mizura 313 ghal xoghol ta’ “Country Walks” ghal tarf Triq Ghajn Tuta li twassal sa Wied il-Lunzjata u t-tieni fazi ta’ Triq Wied Siekel, dawn huma proposti li jsiru bi stil rustiku bhal l-ewwel fazi ta’Triq Wied Siekel, kif ukoll hu propost li jsiru is-“Signs” mehtiega. Saret ukoll l-applikazzjoni mal-Kunsill tal-Munxar ghat-tindif u r-riabilitazzjoni ta’ Wied ix-Xlendi. Dawn l-applikazzjoni gew mimlija bl-ghajnuna tal-MEUSAC flimkien mas-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv. Dwar ix-xoghol ta’ l-Accounts mehtieg ghalihom, dan sar mis-Sinjura Johanna Caruana, ghal hlas ta’ € 200. Il-kunsilliera gew infurmati b’dan il-hlas, biex jigi approvat.

Saret ukoll laqgha mas-Superintendent tal-pulizija, is-Sur Simon Galea fl-Ufficcju tal-Kunsill, fejn gew diskussi diversi problemi fosthom il-ftuh tal-Ghassa tal-Pulizija fil-

"multi-purpose room". Is-Sur Galea nforma lil Kunsill li bhalissa ma ghandux pulizija biex jiftaghha. Attenda is-Sindku, l-Vici-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

Inzammet ukoll il-laqgha tal-Lokalita fis-sala tal-Komunita', nhar il-31 ta' Mejju 2009. Attendew 4 persuni, kif ukoll is-Sindku, l-Vici-Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef, kif ukoll l-Agent Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef attendew wkoll ghall-quddiesa ta' radd il-hajr fl-eghluq il-hamsin sena tal-Ordinazzjoni Sacerdotali ta' Mons. Lawrence Xerri, ex-Kappillan tal-Fontana. Din saret fil-Knisja Parrokkjali, wara sar riceviment fis-sala tal-Komunita' li giet offruta mill-Kunsill.

Is-Sindku attenda ukoll ghall-laqgha tas-Sindki Ghawdxin fil-Kunsill Lokali tal-Ghasri, dwar il-programm "Leader" fejn kien hemm delegazzjoni mill-Awstrija fejn spjegat kif jinhadem il-programm f'pajjizhom.

Fis-6 ta' Gunju saret l-elezzjoni ghal membri tal-Parlament Ewropew fis-sala tal-Komunita' dan fuq talba tal-Kunsill peress li kienet ilha ma ssir elezzjoni fil-lokalita' tal-Fontana mill-bidu tas-snin 70 peress li kien jsiru fil-konfini tal-Belt Victoria.

Fl-okkazjoni tal-festa titulari sar it-tberik tal-bhejjem kif ukoll giet organizzata Festa Tfal flimkien mal-parrocca.

Is-Sindku u l-Vici Sindku u l-kunsillier Victor Cefai attendew ghall-quddiesa ta' radd il-hajr fl-gheluq il-hamsin sena tal-ordinazzjoni sacerdotali ta' Mons. Ruzar Borg. Il-Kunsill offra s-sala tal-Komunita' biex jsir ir-riceviment tal-okkazjoni. Bhas-snin l-imghoddija fl-okkazjoni tal-Festa tal-Qalb ta' Gesu sar bukkett ghall-quddiem l-istatwa.

Is-Sindku u l-kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef attendew ghal pontifikal fl-okkazjoni tal-festa Titulari. Wata sar it-tqassim tal-ikla tal-festa lil madwar 30 persuna li jghixu wahedihom. Ghall dan it-tqassim attenda wkoll il-Vici Sindku. Wara nofs inhar saru t-tigrijiet tal-Bhejjem fi Triq Santa Domenica organizzati mill-Kunsill u d-dilettanti. Kien hemm 18 il-korsa li ghalihom attendew numru kbir ta' nies. Wara gew mqassma l-premijiet mis-Sindku.

Ghall-okkazjoni tal-festa saret il-manutenzjoni kull fejn kien hemm bzonn mill-haddiema tal-Kunsill kif ukoll tindif. Inghatat ukoll ghajnuna mill-haddiema tad-Dipartiment Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex fit-tindif ta' qabel u wara l-festa.

Fontana

Is-Sindku attenda ghal laqgha tal-kumitat kongunt “dwar it-tiswija tal-bozoz” fil-kunsill lokali Zebbug. Huwa ppropona li z-zmien tat-tiswija fil-kuntratt l-gdid ikun ta’ jumejn u mhux ta’ hames t’ijiem kif kien fl-ewwel kuntratt.

Saret il-wirja dwar il-kult u l-festa tal-Qalb ta’ Gesu fis-sala tal-Komunita’ bejn is-17 u l-21 ta’ Gunju, din giet imbierka minn Fr. Alex, l-Amministratur Parrokkjali u miftuha mis-Sindku. Giet ukoll ppubblikata t-tmien harga tal-Fuljett “Taghrif mill-Kunsill Tieghek” li tqassmet f’kull residenza. Giet ippreparata mis-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv.

Saret laqgha fl-Uficcju tal-Kunsill mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar l-implimentazzjoni tat-tigdid tal-Kunsilli Lokali, L-Iskema Fondi Specjali u inizjattivi u progetti mahsuba mill-Kunsill. Il-membri kollha kienu prezenti flimkien mal-Agent Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku attenda wkoll ghall laqghat ta’ kull xahar mal-Ispettur tal-Pulizija Frank Tabone u Josric Mifsud. Attenda ghall-laqgha fl-Ufficcju tal-ETC dwar l-iskema haddiem fil-Komunita, fejn saret laqgha mal-Bord tat-Tmexxija u gie iffirmat il-kuntratt mis-Sindku. L-Iskema bdiet fis-17 ta’ Awwissu u beda mal-Kunsill l-Haddiem Raymond Muscat. Is-Sindku attenda wkoll laqgha tas-Sindki Ghawdxin li saret fil-Kunsill Lokali San Lawrenz fejn gie diskuss l-Patt tas-Sindki, Local Action Group u l-offerti ghall-gbir ta’ l-Iskart, attenda wkoll ghal seminar ghall-Kunsilli Lokali li sar fil-Grand Hotel Excelsior dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta’ Kurazija . Saret ukoll il-harga socjo-kulturali ta’ Jum fi Sqallija. Peress li n-numru kien limitat ma saritx skond il-programm, izda zorna Catania, Mount Etna u Modica. Attendew 14-il-persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef.

Is-Sindku attenda wkoll laqgha tal-kumitat kongunt dwar l-infurzar lokali. Saret wkoll laqgha fil-Kunsill Lokali Munxar li ghaliha attendew l-Vici Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier Victor Cefai dwar l-attivita li ser issir ghat-tfal fix-Xlendi bejn iz-zewg kunsilli is-sibt 22 ta’ Awwissu.

Saret ukoll laqgha nformali dwar il-Kumitat tat-Dawl tat-toroq fil-Kunsill Lokali taz-Zebbug li ghaliha attenda is-Sindku. Kienet nformali ghar-raguni li ma kienx hemm kworum.

Dwar is-Sagra ta’ Sant’Andrea saret laqgha fl-Ufficcju tal-kultura mas-Sur Kevin Sciberras fejn gie mfassal “draft” li kellu jigi pprezentat lil Kunsill. Attendew is-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv.

Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

Fontana

Wara talba li saret mill-MEPA lis-Sindku dwar ir-riforma, is-Sindku baghat il-kummenti tieghu, li kienu: 1. issir iktar enfazi dwar il-harsien tas-sigar protetti specjalment il-harrub billi jizdiedu l-pieni u ssir aktar sorveljanza, b'hekk ma jkomplix jinqered dan il-patrimonju li hallewlna ta' qabilna.2. Jinghata aktar kaz tat-tniggiz ta' l-arja u jigu nfurzati l-ligijiet specjalment f'toroq ta' konservazzjoni urbana li generalment ikunu dojoq, bil-konsegwenza li ssir hsara lil proprjeta u iktar lis-sahha tal-persuni li joqghodu f'dawk it-toroq.3. Applikazzjonijiet li jsiru mill-Kunsilli Lokali jinghataw precedenza.

Giet ukoll ipprezentata fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali mis-Sindku l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall Green Challenge Award. Intbghatet aktar informazzjoni lil Bord ta' Evalwazzjoni dwar il-Fondi Specjali li l-Kunsill applika ghalihom ghar-raguni li fil-lokalita ghandna bzonnijiet specjali.

Saret laqgha fl-Ufficcju tal-Kunsill mal-Ufficcjali tal-EneMalta, l-Engineer Eric Vella, Josephine Vella, u Mizzi. Gie diskuss, it-talba biex jitnehhew l-"overhead lines" u pipies tal-hadid li hemm fi Pjazza l-Ghejjun; it-talba ghal Belisha light; biex jitrangaw il-wires fi Trejqet Bieb il-Ghajn c/w Triq is-Sajjieda; u l-problema tad-drenagg f'residenza privata fi Triq il-Ghajn. Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-Eng. Josephine Vella gibdet l-attenzjoni li s-sistema tad-dawl gdida fi Triq l-Isptar San Giljan trid l-approvazzjoni tal-Ministeru ghal Ghawdex peress li hija triq arterja. Il-Kunsill qabel li jikteb biex tinghata l-approvazzjoni.

Il-membri tal-Ewropa fil-Pjazza waqfu stand fil-bidu ta' Triq ta' Mulejja fejn ghal madwar saghtejn l-pubbliku seta' jzur dan l-istand b'taghrif dwar l-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill gie nfurmat mill-Bord ta' evalwazzjoni dwar l-iskema ta' "Energy Saving" li ser jinghata 5000 Ewro biex jkun jista' jwettaq il-progett ta' "Energija Alternattiva" ghall-ewwel fazi tac-Centru Civiku. Is-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgha mad-direttur tal-kumpanija Solar Systems, Mark Bajada dwar kif tista' tigi iffrankata l-energija. Is-Sindku attenda wkoll laqgha li saret fis-Sala tal-Ministeru ghall-Ghawdex dwar "Funding Opportunities under Territorial Cooperation Programme 2007/13."

Il-Kunsill ghamel ukoll bukkett fjuri fl-okkazjoni tal-funeral tas-Sinjura Carmen Grima, oht il-Kunsillier Lorry Apap.

Giet organizzata l-"Funday" fil-bajja tax-Xlendi ghat-tfal flimkien mal-Kunsill tal-Munxar. Din bdiet fl-10 ta' filghodu u spiccat fis-6 ta' filghaxija. Wara saret l-

Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

prezentazzjoni tat-trofew mis-Sindki tal-Fontana u Munxar u l-Vici-Sindku Anthony Borg, u l-Kunsillier Patrick Grima.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li saret wkoll l-"insurance" tal-Kunsill, kif ukoll il-flus li jkun hemm fl-Ufficcju tal-Kunsill gew assigurati minn "Galea Insurance" fl-istess polza, minghajr zieda fil-prezz.

Il-Kunsillier Horace Micallef attenda ghall-Laqgha Plenarja tal-Kunsilliera, organizzata mill-AKLM nhar il-5 ta' Settembru 2009, fil-New Dolmen Hotel, Bugibba.

Il-Kummissjoni Elettorali hallset ukoll lil Kunsill 250 Ewro tal-uzu tas-Sala tal-Komunita' ghall-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew. Twettqu wkoll l-ilmenti ta' Pauline Agius u Michael Cremona fi Triq San Martin.

Il-Laqgha spiccat fid-8.40pm

| | |
|---|---|
| Josephine Borg | Saviour Borg |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Fontana

Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555